

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Apple Corps Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Terry, solicitor, u F. Clark, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-31 ta' Mejju 2010 (Każ R 1276/2009-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Apple Corps Ltd u Movin-gpeople.net International BV.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) You-Q BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 301, 06.11.2010

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2012 — Omya vs UASI — Alpha Calcit (CALCIMATT)

(Kawża T-547/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CALCIMATT — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti CALCILAN — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Rifjut ta' reġistrazzjoni”)

(2012/C 138/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Omya AG (Oftringen, l-Isvizzera) (rappreżentanti: F. Kuschmirek u V. Dalichau, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment D. Botis, sussegwentement R. Manea, u fl-aħħar G. Schneider, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Alpha Calcit Füllstoffgesellschaft mbH (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Hauck, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Settembru 2010 (Każ R 1370/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Alpha Calcit Füllstoffgesellschaft mbH u Omya AG.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Omya AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 30, 29.01.2011

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2012 — Kaltenbach & Voigt vs UASI (3D eXam)

(Kawża T-242/11) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali — Talba għal estensjoni territorjali tal-protezzjoni — Trade mark figurattiva 3D eXam — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv u nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 138/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kaltenbach & Voigt GmbH (Biberach an der Riß, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Graf, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-1 ta' Marzu 2011 (Każ R 2361/2010-2) dwar estensjoni territorjali għall-Unjoni Ewropea, tal-protezzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark figurattiva 3D eXam.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Kaltenbach & Voigt GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 211, 16.07.2011.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2012 — Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-453/10) (¹)

(“Rikors għal annullament — FAEGG, FAEG u FAEŻR — Infq magħmul mir-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq — Infq eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea — Awtorità reġjonali — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà”)

(2012/C 138/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development (Belfast, Ir-Renju Unit) (rappreżentanti: K. Brown, solicitor, u D. Wyatt, QC)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Van den Wyngaert, P. Rossi u G. von Rintelen, aġenti)

Suġġett

Rikors għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/399/UE, tal-15 ta' Lulju 2010, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' "Garanzija" tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 184, p. 6)

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors għe miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 328, 04.12.2010.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Frar 2012 — Cytochroma Development vs UASI — Teva Pharmaceutical Industries (ALPHAREN)

(Kawża T-106/12)

(2012/C 138/34)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Cytochroma Development, Inc. (St. Michael, Barbados) (rappreżentanti: S. Malynicz, Barrister u A. Smith, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Teva Pharmaceutical Industries Ltd (Jerusalem, l-Iżrael)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

— Tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-2 ta' Diċembru 2011 fil-Każ R 1235/2011-1; u

— Tordna lill-UASI u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell biex ibatu l-ispejjeż tagħhom u dawk tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark verbali "ALPHAREN", għall-oġġetti fi klassi 5 — Applikazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 4320297

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat fl-oppożizzjoni: Trade mark Ungeriż b'reġistrazzjoni Nru 134972 tat-trade mark verbali "ALPHA D3", għall-oġġetti fi klassi 5; Trade mark Litwan b'reġistrazzjoni Nru 20613 tat-trade mark verbali "ALPHA D3" għall-oġġetti fi klassi 5; Trade mark Latvjan b'reġistrazzjoni Nru M30407 tat-trade mark verbali "ALPHA D3", għall-oġġetti fi klassi 5

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 1(d)(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 216/96 billi membru tal-Bord li ħa d-deċiżjoni oriġinali kien ukoll membru tal-Bord li ħa d-deċiżjoni l-għdida wara r-rinviju; ksur tal-Artikolu 65(6) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 u l-Artikolu 1(d)(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 216/96 dwar il-miżuri li ttieħdu sabiex jikkonforma mad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali; Ksur tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 dwar l-eżaminazzjoni tal-fatti fuq inizzjattiva tiegħu stess f'każ ta' raġunijiet relattivi; ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2012 — ANKO vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-117/12)

(2012/C 138/35)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: ANKO Anonymos Etairia Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

— tikkonstata li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tissospendi l-ħlas tal-ammonti dovuti lir-rikorrenti skont il-kuntratti PERFORM u OASIS, tikkostitwixxi ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha;